**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta’ Gunju, 2017

Rikors Kongunt Nru : 180/17 AL

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt, li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

Illi huma kienu żżewġu fil-Katidral tal-Imdina fil-hamsa (5) ta’ Novembru, tas-sena elfejn u hdax (2011).

Illi ż-żwieġ tagħhom ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta’ Malta bin-numru elfejn, hames mija u tnejn u ghoxrin tas-sena elfejn u hdax (2522/2011) (ċertifikat taz-zwieġ hawn anness u mmarkat **Dok A**);

Illi minn dan iż-żwieġ, l-esponenti ma kellhomx tfal;

Illi l-esponenti kienu isseparaw permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottoressa Elisa Falzon, datat is-sitta u ghoxrin ta’

Novembru, tas-sena elfejn u tlettax (26/11/2013), kopja awtentika tal-istess qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata **Dok B**;

Illi ukoll il-partijiet ilhom ma jgħixux flimkien għal perjodu kontinwat ta' iktar minn erba' (4) snin, peress illi ilhom jghixu separatament sa minn Jannar tas-sena 2013;

Illi l-esponenti jiddikjaraw li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom;

Illi l-esponenti jiddikjaraw ukoll illi fil-kuntratt ta' separazzjoni, senjatament fit-tieni klawzola tal-istess, huma kienu ftehmu illi jirrinunzjaw ghad-dritt illi jircievu kwalunkwe manteniment minghand xulxin, ghalhekk ma hemm ebda pendenza jew pretensjoni rigward manteniment;

Illi għaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha stabbiliti mil-liġi biex jingħata d-divorzju;

Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul. Għal dan il-għan huma qegħdin jiddikjaraw ukoll bil-ġurament li qegħdin jagħtu struzzjonijiet konġunti lill-avukati sottoskritti flimkien jew lil xi wiehed minnhom biex jirrappreżenta lit-tnejn li huma f'dawn il-proċeduri;

Talbu li din il-Qorti joghgobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju bejn Avukat Dottor Jacques René Zammit K.I.512975 u Lara Lombardi K.I. 312880M u tiddikjara ż-żwieġ tagħhom maħlul ai termini tal-Artikoli 66A *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili u kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, u dan taħt kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Mejju, 2017;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-26 ta' Novembru 2013 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' (4) snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.